

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1179/2012

tal-10 ta' Diċembru 2012

li jistabbilixxi kriterji li jiddeterminaw meta l-ħġieġ mormi ma jibqax jitqies bħala skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

- (1) Minn evalwazzjoni ta' diversi flussi ta' skart jirriżulta li s-swieq tar-riċiklaġġ għall-ħġieġ mormi għandhom jibbenefikaw mill-iżvilupp ta' kriterji speċifiċi li jiddeterminaw meta l-ħġieġ mormi miksub mill-iskart ma jibqax jitqies bħala skart. Dawn il-kriterji għandhom jiżguraw livell għoli ta' ħarsien ambjentali. Għandhom ikunu mingħajr ħsara għall-klassifika tal-ħġieġ mormi bħala skart minn pajjiżi terzi.
- (2) Rapporti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea wrew li jeżistu kemm suq kif ukoll domanda għall-ħġieġ mormi biex jintużaw bħala materjal ta' alimentazzjoni fl-industrija li tipproduċi l-ħġieġ. Il-ħġieġ mormi għandu għalhekk ikun suffiċjentament pur u għandu jissodisfa l-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti meħtieġa mill-industrija tal-produzzjoni tal-ħġieġ.
- (3) Il-kriterji li jiddeterminaw meta l-ħġieġ mormi ma jibqax jitqies bħala skart għandhom jiżguraw li l-ħġieġ li jirriżulta minn operazzjoni ta' rkupru jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi tal-industrija tal-produzzjoni tal-ħġieġ, ikun konformi mal-leġislazzjoni u l-istandards eżistenti applikabbli għall-prodotti u ma jwassalx għal impatti kumplessivi avversi għall-ambjent jew għal saħħet il-bniedem. Ir-rapporti taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea wrew li l-kriterji proposti dwar l-iskart li jintuża bħala *input* fl-operazzjoni ta' rkupru, dwar il-proċessi u t-tekniki ta' trattament, kif ukoll dwar il-ħġieġ mormi li jirriżulta mill-operazzjoni ta' rkupru jissodisfaw daww l-għanijiet peress li għandhom jirriżultaw fil-ġenerazzjoni ta' ħġieġ mormi mingħajr proprjetajiet perikolużi u suffiċjentament ħieles minn komponenti mhux tal-ħġieġ.
- (4) Sabiex tkun żgurata l-konformità mal-kriterji, huwa xieraq li jkun ipprovdut li tinħareġ l-informazzjoni dwar il-ħġieġ mormi li ma baqax jitqies bħala skart u li tiġi implimentata sistema ta' ġestjoni.
- (5) Sabiex l-operaturi jkun jistgħu jadattaw għall-kriterji li jiddeterminaw meta l-ħġieġ mormi ma jibqax jitqies bħala skart, huwa xieraq li jkun ipprovdut li jgħaddi perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma' dan ir-Regolament jibda japplika.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi kriterji li jiddeterminaw meta l-ħġieġ mormi intenzjonat għall-produzzjoni ta' sustanzi jew oġġetti tal-ħġieġ fil-proċessi tat-tidwib mill-ġdid ma jibqax jitqies bħala skart.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE.

Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "ħġieġ mormi" tfisser frak tal-ħġieġ iġġenerat mill-irkupru ta' ħġieġ ta' skart;
2. "detentur" tfisser il-persuna fiżika jew legali li għandha fil-pussess tagħha l-ħġieġ mormi;
3. "produttur" tfisser id-detentur li jittrasferixxi l-ħġieġ mormi lil detentur ieħor għall-ewwel darba bħala ħġieġ mormi li ma baqax jitqies bħala skart;
4. "importatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew legali stabbilita fl-Unjoni li tintroduċi ħġieġ mormi li ma baqax jitqies bħala skart fit-territorju doganali tal-Unjoni;
5. "persunal ikkwalfikat" tfisser persunal li huwa kkwalifikat bl-esperjenza jew bit-taħriġ sabiex jimmonitorja u jivvaluta l-proprjetajiet tal-ħġieġ mormi;
6. "spezzjoni viżwali" tfisser spezzjoni tal-ħġieġ mormi li tkopri l-partijiet kollha ta' konsenja u li ssir permezz tas-sensi tal-bniedem jew kwalunkwe tagħmir mhux speċjalizzat;
7. "konsenja" tfisser lott ta' ħġieġ mormi li huwa maħsub sabiex jiġi kkonsenjat mingħand produttur lil detentur ieħor u li jista' jinżamm f'unità tat-trasport waħda jew iktar, bħal kontenituri.

Artikolu 3

Kriterji għall-ħġieġ mormi

Il-ħġieġ mormi ma għandux jibqa' jitqies bħala skart fejn, mat-trasferiment mingħand il-produttur lil detentur ieħor, jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

1. il-ħġieġ mormi li jirriżulta mill-operazzjoni ta' rkupru huwa konformi mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness I;
2. l-iskart użat bħala *input* għall-operazzjoni ta' rkupru jkun konformi mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I;

⁽¹⁾ ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

3. l-iskart użat bħala materja prima għall-operazzjoni ta' rkupru ġie ttrattat skont il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 3 tal-Anness I;
4. il-produttur issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5;
5. il-ħġieġ mormi huwa intenzjonat għall-produzzjoni ta' sustanzi jew oġġetti tal-ħġieġ fil-proċessi tat-tidwib mill-ġdid.

Artikolu 4

Dikjarazzjoni tal-konformità

1. Il-produttur jew l-importatur għandu jorhōg, għal kull konsenja ta' ħġieġ mormi, dikjarazzjoni tal-konformità li tkun konformi mal-mudell stabbilit fl-Anness II.
2. Il-produttur jew l-importatur għandu jittrażmetti d-dikjarazzjoni tal-konformità lid-detentur tal-konsenja ta' ħġieġ mormi li jmiss. Il-produttur jew l-importatur għandhom iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità għal mill-inqas sena wara d-data tal-ħruġ tagħha u għandhom iqegħduha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti meta jintalbu jagħmlu dan.
3. Id-dikjarazzjoni tal-konformità tista' tkun f'forma elettronika.

Artikolu 5

Sistema ta' ġestjoni

1. Il-produttur għandu jimplimenta sistema ta' ġestjoni adattata biex turi l-konformità mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 3.
2. Is-sistema ta' ġestjoni għandu jkun fiha sett ta' proċeduri dokumentati dwar kull wieħed mill-aspetti li ġejjin:
 - (a) il-monitoraġġ tal-kwalità tal-ħġieġ mormi li jirriżulta mill-operazzjoni ta' rkupru kif stabbilit fit-Taqsima 1 tal-Anness I (inklużi t-teħid tal-kampjuni u l-analiżi);
 - (b) l-aċċettazzjoni tal-kontroll tal-iskart li ntuża bħala *input* għall-operazzjoni ta' rkupru kif stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Anness I;
 - (c) il-monitoraġġ tal-proċessi u t-tekniki ta' trattament deskritti fit-Taqsima 3 tal-Anness I;
 - (d) ir-reazzjoni tal-konsumaturi dwar il-konformità mal-kwalità tal-ħġieġ mormi;
 - (e) iż-żamma ta' reġistri tar-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq skont il-punti (a) sa (c);
 - (f) ir-rieżami u t-titjib tas-sistema ta' ġestjoni;
 - (g) it-taħriġ tal-persunal.
3. Is-sistema ta' ġestjoni għandha tippreskrivi wkoll ir-rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ stabbiliti fl-Anness I għal kull kriterju.

4. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 765/2008⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li kiseb akkreditazzjoni skont dak ir-Regolament, jew verifikatur ambjentali, kif definit fl-Artikolu 2(20)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li huwa akkreditat jew liċenzjat skont dak ir-Regolament, għandu jivverifika li s-sistema ta' ġestjoni hija konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu. Il-verifika għandha titwettaq kull tliet snin. Dawk il-verifikaturi biss li għandhom l-ambiti ta' akkreditazzjoni jew ta' liċenzja bbażati fuq il-Kodiċijiet NACE li ġejjin kif speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006⁽³⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huma kkunsidrati li għandhom esperjenza speċifika suffiċjenti biex iwettqu l-verifika msemmija f'dan ir-Regolament:

— * Kodiċi NACE 38 (Ġbir ta' skart, trattament u attivitajiet ta' rimi; irkupru ta' materjal), jew

— * Kodiċi NACE 23.1 (Manifattura tal-ħġieġ u prodotti tal-ħġieġ).

5. L-importatur għandu jesiġi li l-fornituri tiegħu jimplimentaw sistema ta' ġestjoni li tkun konformi mar-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u li tkun ġiet ivverifikata minn verifikatur estern indipendenti.

Is-sistema ta' ġestjoni tal-fornitur għandha tkun iċċertifikata minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità li huwa akkreditat minn korp ta' akkreditazzjoni li jkun għadda b'suċċess minn evalwazzjoni minn pari għal din l-attività mill-korp rikonoxxut fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008; jew minn verifikatur ambjentali li huwa akkreditat jew liċenzjat minn korp ta' akkreditazzjoni jew ta' liċenzjar skont ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 li huwa wkoll suġġett għall-evalwazzjoni minn pari skont l-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament, rispettivament.

Il-verifikaturi li jridu joperaw f'pajjiżi terzi jridu jiksbu akkreditazzjoni jew liċenzja speċifika, skont l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2011/832/UE⁽⁴⁾.

6. Il-produttur għandu jagħti aċċess għas-sistema ta' ġestjoni lill-awtoritajiet kompetenti meta dawn jitolbu.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-11 ta' Ġunju 2013.

⁽¹⁾ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

⁽²⁾ ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 330, 14.12.2011, p. 25.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

Kriterji għall-ħġieġ mormi

Kriterji	Rekwiżiti ta' awtomonitoraġġ
Taqsimha 1: Kwalità tal-ħġieġ mormi li jirriżulta mill-operazzjoni ta' rkupru	
1.1. Il-ħġieġ mormi għandu jkun konformi ma' speċifikazzjoni tal-konsumatur, speċifikazzjoni tal-industrija jew <i>standard</i> għall-użu dirett fil-produzzjoni ta' sustanzi jew ta' oġġetti tal-ħġieġ permezz ta' tidwib mill-ġdid fil-faċilitajiet tal-manifattura tal-ħġieġ.	Persunal ikkwalifikat għandu jverifika li kull konsenja tkun konformi mal-ispeċifikazzjoni x-xierqa.
1.2. Il-kontenut tal-komponenti mhux tal-ħġieġ li ġejjin għandhom ikunu: — Metalli ferrużi: ≤ 50 ppm; — Metalli mhux ferrużi: ≤ 60 ppm; — Sustanzi inorganiċi mhux tal-ħġieġ mhux tal-metall: ≤ 100 ppm għall-ħġieġ mormi ta' daqs > 1 mm; ≤ 1 500 ppm għall-ħġieġ mormi ta' daqs ≤ 1 mm; — Sustanzi organiċi: ≤ 2 000 ppm. Eżempji ta' sustanzi inorganiċi mhux tal-ħġieġ mhux tal-metall huma: iċ-ċeramika, il-ġebel, il-porċellana, il-piroċeramika. Eżempji ta' sustanzi organiċi huma: il-karta, il-gomma, il-plastiks, it-tessuti, l-injam.	Persunal ikkwalifikat għandu jwettaq spezzjoni viżwali ta' kull konsenja. F'intervalli xierqa u soġġett għal rieżami jekk isiru bidliet sinifikanti fil-proċess tal-operat, kampjuni rappreżentattivi tal-ħġieġ mormi għandhom jiġu analizzati gravimetrikament biex jitkejjel it-total tal-komponenti mhux tal-ħġieġ. Il-kontenut tal-komponent mhux tal-ħġieġ għandu jiġi analizzat billi jintiżen wara s-separazzjoni mekkanika jew manwali (kif xieraq) tal-materjali li jkunu taħt spezzjoni viżwali bir-reqqa. Il-frekwenzi xierqa tal-monitoraġġ bit-teħid tal-kampjuni għandhom ikunu stabbiliti billi jiġu kkunsidrati l-fatturi li ġejjin: — It-tendenza mistennija tal-varjabbiltà (pereżempju kif murija mir-riżultati storiċi). — Ir-riskju inerenti ta' varjabbiltà fil-kwalità tal-ħġieġ ta' skart li ntuża bħala input għall-operazzjoni ta' rkupru u kwalunkwe pproċessar sussegwenti; Il-ħġieġ skartat qabel ma jasal għand il-konsumaturi b'kompożizzjoni prevedibbli ħafna, probabbilment jeħtieġ monitoraġġ inqas frekwenti. Ħġieġ skartat minn ġabra multimaterjali jista' jeħtieġ monitoraġġ iktar frekwenti. — Il-preċiżjoni inerenti tal-metodu ta' monitoraġġ. — Il-qrubija tar-riżultati tal-kontenut tal-komponent mhux tal-ħġieġ mal-limiti indikati hawn fuq. Il-proċess tad-determinazzjoni tal-frekwenzi tal-monitoraġġ għandu jkun dokumentat bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni u għandu jkun disponibbli għall-awditjar.
1.3. Il-ħġieġ mormi ma għandu juri l-ebda waħda mill-proprjetajiet perikolużi elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE. Il-ħġieġ mormi għandu jkun konformi mal-limiti ta' konċentrazzjoni stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE ⁽¹⁾ u ma għandux jaqbeż il-limiti ta' konċentrazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ .	Persunal ikkwalifikat għandu jwettaq spezzjoni viżwali ta' kull konsenja. Fejn l-ispezzjoni viżwali tqajjem xi suspett ta' possibbiltà ta' proprjetajiet perikolużi, għandhom jittieħdu iktar miżuri xierqa ta' monitoraġġ, bħal teħid ta' kampjuni u testjar fejn ikun xieraq. Il-persunal għandu jitħarreġ dwar il-proprjetajiet perikolużi potenzjali li jistgħu jkunu assoċjati mal-ħġieġ mormi u dwar il-komponenti jew il-karatteristiċi tal-materjali li jippermettu r-rikonossiment tal-karatteristiċi perikolużi. Il-proċedura għar-rikonossiment tal-materjali perikolużi għandha tkun iddokumentata skont is-sistema ta' ġestjoni.

Kriterji	Rekwiżiti ta' awtomonitoraġġ
Taqsimha 2: Skart użat bħala <i>input</i> għall-operazzjoni ta' rkupru	
2.1. Jista' jintuża biss bħala <i>input</i> skart mill-ġabra tal-ħġieġ ta' kontenituri rikuperabbli, ħġieġ ċatt jew oġġetti tal-ħġieġ użati bħala pożati għall-ikel li jkunu mingħajr ċomb. Il-ħġieġ skartat miġbur jista', b'mod mhux intenzjonat, ikun fih ammonti żgħar ta' tipi oħra ta' ħġieġ.	Il-kontroll tal-aċċettazzjoni tal-iskart kollu li fih il-ħġieġ riċevut (permezz ta' spezzjoni viżwali) u tad-dokumentazzjoni li takkumpanjah għandu jitwettaq minn persunal ikkwalifikat li jkun ingħata taħriġ dwar kif jagħraf l-iskart li fih il-ħġieġ li ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti f'din it-Taqsimha.
2.2. L-iskart li fih il-ħġieġ minn skart solidu muniċipali mħallat jew skart mit-taqsimha tas-saħħa ma għandux jintuża bħala <i>input</i> .	
2.3. L-iskart perikoluż ma għandux jintuża bħala <i>input</i> .	
Taqsimha 3: Proċessi u tekniki ta' trattament	
3.1. L-iskart li fih il-ħġieġ għandu jkun ġie miġbur, isseparat u pproċessat u minn dak il-mument għandu jkun inżamm separat permanentement minn kwalunkwe skart ieħor.	
3.2. It-trattamenti kollha bħal: tkissir, raggruppament, separazzjoni, jew tindif, meħtieġa għall-preparazzjoni tal-ħġieġ mormi għall-użu dirett (permezz tat-tidwib mill-ġdid) fil-produzzjoni ta' sustanzi jew oġġetti tal-ħġieġ, għandhom ikunu tlestew.	
<p>(¹) ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.</p> <p>(²) ĠU L 229, 30.4.2004, p. 1.</p>	

ANNEX II

Dikjarazzjoni ta' Konformità mal-kriterji li jiddeterminaw meta l-iskart ma jibqax jitqies bħala tali, imsemmija fl-Artikolu 4(1)

1.	<p>Produttur/importatur tal-ħġieġ mormi:</p> <p>Isem:</p> <p>Indirizz:</p> <p>Kuntatt:</p> <p>Telefown:</p> <p>Feks:</p> <p>Posta elettronika:</p>
2.	<p>(a) Isem jew kodiċi tal-kategorija tal-ħġieġ mormi, skont speċifikazzjoni jew <i>standard</i> tal-industrija:</p> <p>(b) Dispożizzjonijiet tekniċi ewlenin tal-ispeċifikazzjoni jew <i>standard</i> tal-industrija, inkluż il-konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-prodott meta dan ma jibqax jitqies bħala skart (End of Waste - EoW) għall-komponenti mhux tal-ħġieġ, jiġifieri l-kontenut ta' metalli ferrużi, metalli mhux ferrużi, sustanzi inorganiċi u organiċi mhux tal-ħġieġ/mhux tal-metall:</p>
3.	Il-konsenja tal-ħġieġ mormi hija konformi mal-ispeċifikazzjoni jew mal- <i>istandard</i> tal-industrija msemmija fil-Punt 2.
4.	Kwantità tal-konsenja f'kg:
5.	Il-produttur tal-ħġieġ mormi japplika sistema ta' ġestjoni li hija konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 1179/2012, li ġiet i-verifikata minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat jew minn verifikatur ambjentali jew, f'każ li l-ħġieġ mormi li ma baqax jitqies bħala skart jiġi impurtat fit-territorju doganali tal-Unjoni, minn verifikatur indipendenti estern.
6.	Il-konsenja tal-ħġieġ mormi tissodisfa l-kriterji msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 3 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1179/2012.
7.	Il-materjal f'din il-konsenja huwa intenzjonat esklussivament għall-użu dirett fil-produzzjoni ta' sustanzi jew oġġetti tal-ħġieġ fil-proċessi ta' tidwib mill-ġdid.
8.	<p>Dikjarazzjoni tal-produttur/importatur tal-ħġieġ mormi:</p> <p>Jiena niċċertifika li sa fejn naf jiena l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hija kompluta u korretta:</p> <p>Isem:</p> <p>Data:</p> <p>Firma:</p>